**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 13 ta' Marzu, 2024**

Numru 11

**Appell Nru. 82/2023**

**Robert Mallia u Anthony Grech**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar u**
**l-kjamat in kawza Raymond Mercieca**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tat-terzi interessati tat-23 ta' Novembru 2023 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-7 ta' Novembru 2023 li cahad l-appell tat-terzi u ikkonferma l-hrug tal-permess PA11180/18 'to construct appartments and penthouse and to sanction bathroom, stairwell and doorway at basement level' fil-Munxar, Ghawdex;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposta tal-applikant li wkoll issottometta li l-appell ghandu jigi michud;

Rat l-atti kollha;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan l-appell ġie ntavolat minn terzi kontra l-approvazzjoni ta' permess illi jirrigwarda liżvilupp ta' appartamenti u *penthouse* kif ukoll s-sanzjonar ta' kamra tal-banju, taraġ u aċċess fil-livell sotterran fi Triq Profs. Ġuze' Aquilina fil-lokalita' tal-Munxar. Illi permezz talappell odjern, l-appellanti qegħdin iressaqu is-segwenti aggravji:
1.Illi l-applikant preżenta diversi misrappreżentazzjonijiet fl-applikazzjoni tiegħu bl-iskop illijiżgwida lill-Kummissjoni. Fost oħrajn l-applikant kien indika illi l-ħajt tal-lift kellu jiġi mibni fis-sit tiegħu madankollu dan mhux rifless fil-pjanti approvati.
2.L-appellanti jagħmlu referenza kif ir-rampa ma kienetx parti mill-permess tar-regolarizzazzjoni madankollu fl-applikazzjoni odjerna din ir-rampa mhux qed tiġi sanzjonata. Inoltre jzidu jgħidu li ma kienx hemm aderenza għall-kundizzjonijiet imposti bil-permess tar-regolarizzazzjoni RG1625/18, partikularment mal-kundizzjoni (J).
3.L-appellanti jirrimarkaw illi s-saqaf tal-garaxx jinsab għola minn tlett filati mill-livell tal-bankina, u stante illi *semi-basements* mhux permessibli f'din iż-żona, dan il-livell għandu jiġi mmarkat bħala livell terran.
4.Illi l-kamra tas-sodda proposta fit-tieni sular ma tissodisfax il-provvedimenti tal-liġijiet tassanita' stante illi x-xaft għandu fond ta' inqas minn 3.05 metri. Il-Kummissjoni żbaljat illi tapprova dan il-permess meta huwa evidenti illi din il-kamra tas-sodda partikolari hija fi ksur tal-provediment tal-liġijiet sanitarji.
5.Illi l-iżvilupp propost ma jieħux in kunsiderazzjoni d-disinn dominanti tal-binijiet adjaċentiu ma joffri l-ebda transizzjoni bejn dak illi huwa propost u l-kumplament tal-bini adjaċenti u dana b'referenza għal *guidance* G3 tal-Linji Gwida DC15.
6.Illi l-faċċata hekk kif proposta hija mingħajr proporzjon u ma taqax fil-prevalenza għar-ritmu tal*istreetscape* u dana stante illi l-għoli prevalenti tal-faċċata huwa ta' żewġ sulari u għaldaqstant ma tintegrax mal-bini eżistenti u dana fi ksur tal-*guidance* G16 tal-Linji Gwida DC15. Oltre dan, b'referenza għal-*guidance* G23, il-faċċata esterna ma tipprovdix "*visual interest*" illi jwassal għal titjjieb u kwalita' aħjar tal-kuntest illi tinsab fih.
7.Illi l-iżvilupp propost huwa falliment fir-rigward tal-kwalita' arkitettonika u dana aitermini tal-*policy* 4.6 tal-Linji Gwida DC15, speċjalment fejn tidħol l-amenita' taż-żona residenzjali kif ukoll il-viżwal tal-faċċata.
8.Illi l-iżvilupp propost ma jieħux in kunsiderazzjoni l-parametri kontestwali għaddistintivita' lokali. In oltre iżid jgħid illi l-proposta ma tipprovdi l-ebda kontribut lejn ilpajsaġġ urban ai termini tal-*policy* 2.1.2 tal-Linji Gwida DC15. In oltre l-appellanti jirrimarkaw illi ż-żona quddiem il-binja hija mmarkata għal *Environmental Improvements GZ-TRAN-4* u *Urban Spaces GZ-URSP-1*.

In vista tas-suepost l-appellanti jitlobu lil Onorabbli Tribunal għar-revoka tal-permess PA11180/18.

Illi l-applikant fir-risposta tiegħu b'rabta mal-ewwel aggravju jisħaq illi l-Awtorita' wettqet indaġini akkurata u kwalsiasi diverġenza, żgħira kemm kienet żgħira, bejn il-pjanta u l-bini *as*

*built* ġiet eliminata u lil-pjanti approvati jirriflettu sal-iċken dettall. Illi fir-rigward għattieni aggravju l-applikant jisħaq illi jirriżulta mill-fajl illi l-informazzjoni kollha mitluba mirKummisjoni tar-Regularizzazjoni ġiet sottomessa mill-perit tal-esponenti. Illi b'risposta għattielet aggravju b'rabta mal-għoli tas-saqaf tas-*semi-basement* mill-livell tat-triq, l-applikant jisħaq illi dan huwa wieħed frivolu stante illi l-għoli huwa regolat mill-Linji Gwida DC15 li m'għadhomx jiddettaw l-għoli permissibli mal-livell fejn jinsab is-saqaf ta' kull sular, imma mal-għoli totali u komplessiv tal-bini mit-triq. Dan l-għoli massimu imkien ma nqabeż filpjanti approvati u fil-bini tal-esponenti. Illi b'rabta mat-tul tal-bitħa interna, l-applikant isostni illi din l-kwistjoni hija sorvolata tramite l-RG1625/18.

Illi fir-rigward tad-disinn tal-faċċata u kif dan jirrelata mal-bini adjaċenti, l-applikant jisħaq illi hekk kif il-faċċati tal-binjiet adjaċenti huma simili għal dik tas-sit odjern, ma kien hemm bżonn l-ebda transizzjoni bejn d-disinni rispettivi. Barra minn hekk din l-affari ġiet eżaminata mill-Awtorita' u ma hemm l-ebda lok li din l-evalwazzjoni li wettqet tiġi ddisturbata. Illi b'rabta mas-seba' aggravju, l-applikant isostni illi dan huwa effettivament estensjoni u ripetizzjoni tal-ħames u s-sitt aggravji u għaldaqstant reġa tenna dak illi kien irrimarka qabel. Finalment b'rabta mat-tmin aggravju, l-applikant jisħqu illi dan ukoll huwa identiku għat-tielet aggravju u jisħaq illi l-*policies* tad-DC15 ma jikkontradixxux lilhom nfushom f'dan il-kuntest.

Illi b'żieda ma` dan, l-applikant issottometta ukoll kopja t'ittra mingħand il-perit talapplikazzjoni datata 30 t'April 2021 fejn hemm elenkat:
-Illi l-varjazzjoni tal-għoli imsemmija hija ta' ċirka 0.20 metri illi kienet ser tiġi riżolta permezz ta' *minor amendment*;
-Illi l-għoli tal-binjiet adjaċenti ma jaffettwawx l-għoli massimu taż-żona stante illi s-sit mhux UCA u lanqas *ridge* fejn l-għoli huwa sensittiv;
-Illi l-pjanta tal-faċċata illi ġiet imsemmija fl-aggravji m'hijiex l-aħħar faċċata u għaldaqstant ir-referenza illi qed issir hija waħda skorretta;
-Illi b'rabta mal-ħajt tal-*lift*, l-applikant jgħid illi d-dettall imsemmi mill-appellanti ġew inkluż fil-*minor amendment;*
-Illi ma kien hemm l-ebda bdil tar-rampa u lanqas sanzjonar in vista illi din hija in linea malprovvedimenti tar-rekwiżiti tal-Linji Gwida DC15;
-Illi li kieku l-proposta mhux *in linea* mal-*policies* l-Awtorita' ma kinitx tapprova lapplikazzjoni skont il-kundizzjoni immarkat b'ittra 'J'. Illi l-*labelling* tal-livell ma jaghmel lebda differenza li tirrigwarda l-gholi peress illi l-livelli huma mmarkati numerikament kif mistenni fuq il-pjanti approvati;
-Illi l-pjanti li qed issir referenza għalihom f'dan l-appell m'humiex il-pjanti approvati, tant hu hekk illi fuq il-pjanti approvati tidher żieda fil-fond tal-qies tal-bitħa interna hekk kif rekwiżit mill-liġi sanitarja;
-Illi l-bini adjaċenti jista jiżviluppa sal-għoli massimu bħal fil-kaz odjern u għaldaqstant ma hemm bżonn ta' ebda transizzjoni;
-Illi d-disinn tal-faċċata sar b'kunsiderazzjoni tal-faċċata eżistenti sabiex isservi ta' kontinwazzjoni ta' dak ġja eżistenti, jisħaq illi ma tagħmel l-ebda sens illi jiġi introdott still iehor stante illi dan iwassal għal "*chaotic looking facade*";
-Illi li kieku l-proposta tmur kontra l-punti imsemmija fil-*policy* 4.6 tal-Linji Gwida DC15, ilpermess ma kienx jiġi approvat;

Illi l-Awtorita' rrimarkat illi l-appellanti qajjmu diversi kwistjonijiet marbuta mal-preċiżjoni tal-pjanti, madankollu l-Awtorita' ġibdet l-attenzjoni illi waqt l-evalwazzjoni tal-Direttorat talInfurzar mar u kkonferma illi ma kienx baqa` divergenzi meta mqabbla mal-aħħar pjanti. Illi b'rabta mal-RG1625/18 l-Awtorita' tinnota illi r-rekwiżiti kollha imposti mill-Kummissjoni ġew indirizzati u għaldaqstant l-permess inhareġ. L-Awtorita' tinnota illi iz-zidied u lalterazzjonijiet proposti f'din l-applikazzjoni suġġett għal dan l-appell ma ġewx ikkunsidrati b'mod

indipendenti mill-permess ta' regolarizzazzjoni. L-Awtorita' tagħmel referenza wkoll għal qisien tal-*basement* u ssostni illi skont il-*policy* P35 l-gholi massimu hekk kif stabbilit mill-pjan lokali ghandu jigi nterpretat bl-Anness2 tal-Linji Gwida DC15. L-istess *policy* tistabbilixxi n-numru tal-livelli abitabbli li fil-każ odjern jidher illi ġew rispettati. Illi kontrarjament għal dak illi qed jallegaw l-appellanti stante illi l-iżvilupp propost ġie evalwat u kkonfermat mis-*Sanitary Engineering Office* (SEO) u huwa in linea mal-Avviż Legali 227 tal-2016. Illi b'referenza għal provvedimenti tal-Linji Gwida DC15, l-Awtorita' baqgħet ferma mal-argumenti tagħha peress li l-*commitment* fuq is-sit tal-proporzjon tal-faċċata qed jiġi segwit. L-Awtorita' tikkonkludi billi tinsisti illi dan mhux kunsiderazzjoni ta' ippjanar u għaldaqstant dan l-appell m'huwiex fis-sewwa.

Illi waqt is-seduta datata 22 ta' Ġunju 2021 it-Tribunal, fuq talba tal-appellanti, ordna lAwtorita' tibat *enforcement officer* sabiex jikkonfermaw illi x-xogħlijiet li saru ma twettqux skont il-pjanti u l-permessi approvati.

Illi waqt is-seduta datata 12 ta' Ottubru 2021, l-Awtorita' ikkonfermat li ġiet sottomessa applikazzjoni *minor amendment* . It-Tribunal ordna lill-Awtorita' sabiex tippreżenta nota li saret mill-*enforcement officer* fir-rigward tal-imsemmija diverġenzi b'notifika lill-partijiet kollha.Illi f'nota ta' sottomissjonijiet l-Awtorita' ndikat ma irċeviet l-ebda sottomisjoni marbuta mal-*minor amendment* u eventwalment it-talba għal-*minor Amendment* ġiet aċċettata hekk nhar id-29 ta' Novembru 2021. Wara din d-deċiżjoni t-taqsima tal-Infurzar fi ħdan l-Awtoritá għamlet spezzjoni fuq is-sit; nhar l-1 ta' Frar 2022, fejn ġie ikkonfermat li lpjanti approvati permezz tal-*minor Amendment* jirriflettu s-sitwazzjoni fuq is-sit.

Illi waqt is-seduta tas-26 ta' Lulju 2022, xehed bil-ġurament is-Sur Jonathan Portelli (Uffiċjal tal-Infurzar). Ix-xhud ġie mistoqsi dwar il-qisien li daħlu fl-applikazzjoni tal-permess ma' dak illi ġie mkejjel waqt l-inspezzjonijiet illi saru fuq is-sit, u kkonferma illi kien hemm xi diskrepanzi. Meta mistoqsi dwar liema qisien ġew imkejjla huwa rrefera ghall-btieħi. Huwa ġie mistoqsi wkoll dwar jekk il-post huwx imqassam bħal pjanti pero kkonferma illi ma ttieħed l-ebda qies marbut mal-għoli tal-*basement*l-għoli eżistenti u lanqas r-rampa. Għaldaqstant ix-xhieda ġiet sospiża u t-Tribunal ordna lis-Sur Portelli jikkonferma l-*internal height* tat-tlett livelli eżistenti, l-*external height* imkejjel mill-għoli tal-bankina sa fuq nett tal-opramorta mill-*lowest* u *highest street levels*.

Illi permezz ta' email datata 8 ta' Awwissu 2022, l-Uffiċjal tal-Infurzar irrimarka lli nstabet diskrepanza fl-għoli intern tal-*basement*, fejn dan kien immarkat bħala 3.069 metri mentri fattwalment instab illi huwa 3.21 metri. Oltre dan, b'rabta mal-għoli intern fis-sulari l-oħra jelenka illi d-diskrepanza kienet waħda żgħira. (It-Tribunal jinnota illi din id-diskrepanza hija minima:' 2.9 centimetri inqas fl-ewwel livell u ta' 3.1 centimetri aktar fit-tieni livell.) Illi b'żieda ma dan, ġiet ukoll imkejjla l-faċċata fejn l-għoli reġistrat kien dak ta' 9.01 metri (lgħoli parti tat-triq) filwaqt illi 9.09 metri fil-parti l-aktar baxxa tat-triq.

Illi l-appellanti iressqu affidavit tad-*draughtsman* is-Sur Joseph Zammit illi jaħdem malkumpanija Dimech Architectural Design, datat 19 ta' Awwissu 2022. Illi permezz talimsemmi affidavit huwa ddikjara illi permezz ta' *theodolite instrument* ġie mqabbad biex jagħmel eżercizzju illi jkejjel l-għoli tal-faċċati tal-bini adjaċenti tas-sit odjern.

Sussegwentement huwa penġa dawn il-faċċati u għamel *superimposition* tal-faċċati approvati u dawn impenġija minnu fejn jidher illi kien hemm xi diskrepanzi fl-għoli bejn dak sottomess mill-applikant u dak illi ġie imkejjel mis-Sur Joseph Zammit.

Illi f'nota ta' sottomissjonijiet finali l-appellanti jelenkaw dak illi ntqal fir-rikors u jżidu illi mis-sottomissjonijiet ippreżentati fil-mori tal-appell jirriżulta b'mod sodisfacenti li lapplikant ta dikjarazzjoni falza dwar il-qisien tal-bini eżistenti. Illi dan in-nuqqas wassal sabiex il-

Kummissjoni ma setgħetx tevalwa l-applikazzjoni korrettament u għaldaqstant ai termini tal-Artikolu 80 tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta iġib dan wassal għar-revoka talpermess. Oltre dan iżid jgħid illi l-Kummissjoni kellha tikkunsidra l-applikazzjoni tramite l*policy* P1 fl-isfond tal-bini tal-madwar. Illi b'rabta ma' dan, l-appellanti jagħmlu referenza għas-sentenza tal-Qorti fl-ismijiet "**Raymond Sammut vs. l-Awtorita' tal-Ippjanar**" (Appell Nru. 16/2020) deċiża fl-20 ta' Jannar 2021. Iżid jgħid ukoll illi l-applikazzjoni kellha tiġi rrifjutata u dan għaliex l-iżvilupp propost imur kontra diversi regolamenti u policies li jinkludu l-fatt illi l-faċċata prevalenti hija dik ta' djar b'żewġ sulari mentri dak proposta qed jeċċedi dan l-għoli u għaldaqstant bi ksur tal-G16. Illi apparti dan, il-blokk jidher meta wieħed jidħol ġewwa r-raħal tal-Munxar u għalhekk ser ikun ta' impatt viżwal negattiv. Oltre dan l-applikazzjoni ser tkun qed tikkrea *blank walls* stante illi l-ġirien tal-applikant m'għandhom l-ebda ħsieb li jgħollu l-bini tagħhom u għalhekk huwa ċert li dawn il-*blank walls* jibqgħu viżibli. Finalment, l-appellanti jsostnu illi l-permess tar-regolarizzazzjoni jinibixxi lill-esponent milli jibni l-iżvilupp approvat a bażi tal-kundizzjoni (J) tal-permess tarregolarizzazzjoni. Jisħqu illi ġialadarba sejjer issir *redevelopment*fil-bini regolarizzat, l-istess reżvilupp għandu ikun konformi mal-pjanijiet u policies u regolamenti.

Illi f'nota ta' sottomissjonijiet finali, l-Awtorita' ssostni illi in linea mat-talba tat-Tribunal lAwtorita' bagħtet l-*Enforcement Officer* fuq is-sit sabiex tivverifika jekk ix-xogħolijiet li saru sa dak iż-żmien twettqux skont il-pjanti u l-permessi approvati. Iżżid tgħid illi jidher illi kien hemm xi diskrepanzi u li dawn ġew indirizzati permezz tal-*Minor Amendment* liema informazzjoni tinsab kkomunikata f'minuta *a fol* 297A. Għaldaqstant l-Awtorita' tqis illi ħadet il-passi kollha neċċessarji sabiex l-informazzjoni esebita f' dan il-permess tkun waħda veritiera.

Illi b'rabta mal-għoli tal-bini adjaċenti, l-Awtorita' tinsisti illi l-applikazzjoni titratta minn dak li qed jiġi propost fis-sit odjern permezz tas-*siteplan* u xejn lil hinn minn dawn il-konfini.

Għaldaqstant l-Awtorita' ssostni illi minkejja illi l-proposta hija in linea mal-Pjan Lokali għal Ghawdex u Kemmuna, kif ukoll mal-*policy* P35 fir-rigward tal-għoli propost, l-Awtorita' tisħaq illi dak li qed jigi pprezżentat fil-pjanti approvati u ġewwa l-konfini indikati fis*siteplan* jirriflettu s-sitwazzjoni fuq is-sit.

Illi fir-rigward tal-allegat sgwida fid-dokumenti sottomessi fl-applikazzjoni, l-Awtorita' tisħaq illi tali kwistjoni għandha tiġi ttrattata bil-proċedura stabbillita apposta għal dawn iċċirkustanzi u mhux tramite appell.

Illi b'risposta għal dak illi sostnew l-appellanti fis-sottomissjonijiet finali, u cioe' illi l-Kummissjoni kellha tevalwa l-applikazzjoni fl-isfond tal-bini tal-madwar u skont l-*policy* P1 tad-DC15 kif gie sostnut fid-deċiżjoni tal-Qorti fl-ismijiet "**Raymond Sammut vs lAwtorita' tal-Ippjanar**" (Appell Nru. 16/2020) deċiż fl-20 ta' Jannar 2021, l-Awtorita' tirrispinġi dak li qed jiġi allegat u ssotni li r-referenza għas-sentenza tal-Qorti qed tintuża filkuntest żbaljat u dan la darba fic-cirkostanzi bejn il-kaz succitat u l-proposta odjerna huma ampjament differenti minn xulxin. L-Awtorita' tinsisti illi mill-insenjament tal-Qorti jidher ċar illi s-sit kien impost b'restrizzjoni ta' *constraint*. Jidher car illi l-każ odjern ma kien impost bl-ebda restrizzjoni u għaldaqstant dan il-każ mhux applikabbli.

L-Awtorita' tiġbed l-attenzjoni wkoll fuq il-fatt li ż-żona hija intenzjonata għal żvilupp simili għal dak li ġie propost f'din l-applikazzjoni u dan la darba l-pjan lokali stabbilixxa l-użu eliġġibli bħal wieħed residenzjali u b'għoli totali ta' 16.30 metri. L-Awtorita' tirrileva dan ilpunt ġie espress mit-Tribunal fid-deċiżjoni PAB0196/19 fl-ismijiet "**Francis Spiteri vs. lAwtorita' tal-Ippjanar**" mogħtija nhar is-6 ta' Lulju 2021. Dan il-punt qed jiġi sostnut billi jingħad li l-konsiderazzjonijiet meħuda mill-Awtorita' jsegwu ukoll mill-prassi li dejjem ittieħdu min-naħa tal-Awtorita' u dan skont is-sentenza mogħtija fis-7 ta' Frar 2019 flismijiet "**Kunsill Lokali**

**Pembroke vs l-Awtorita' tal-Ippjanar et.**" L-Awtorita' ssostni illi l-proposta hija waħda residenzjali u li għaldaqstant bl-istess konsiderazzjonijiet ippreżentati jsegwu l-objettivi tal-iSPED u l-Pjan Lokali.

Illi b'risposta għall-allegat ġenerazzjoni tal-*blank party walls*, l-Awtorita' għal darb oħra ssostni illi ż-żona hija in fatti intenzjonata għal żvilupp simili u tagħmel referenza għal PAB0205/22 fl-ismijiet "**L-Onor. Imhallef Grazio Mercieca et. al. kontra l-Awtorita' talIppjanar u Mr. Mark Agius**". It-Tribunal kien sostna illi l-ħajt tal-appoġġ li ser jiġi espost huwa ta' natura temporanja tenut li dan ser jiġi kopert fl-eventwalita' li s-sit kontigwu jiġi żviluppat.

Illi fir-rigward tal-allegazzjonijiet fuq il-fatt illi l-garaxx mhux mibni skont il-pjanti approvati u mhux qed jiġi sanzjonat mill-proposta. L-Awtorita' terġa ssostni fuq il-fatt illi l-Uffiċjal talInfurzar ikkonferma illi l-pjanti approvati jirriflettu dak li hemm eżistenti inkluż l-livell ta' taħt l-art u l-aċċess għalih. Ulterjorment l-Awtorita' tagħmel referenza għal kundizzjoni (J) tal-permess RG01625/18, għal darb oħra l-Awtorita' tisħaq illi l-proposta hija in linea malprovvedimenti u r-regolamenti kollha tal-Pjan Lokali mal-policies viġenti u mal-objettivi tal-iSPED.

Finalment l-Awtorita' taghmel referenza għal kwistjoni marbuta mal-fond tax-xaft tal-kamra tas-sodda fit-tieni livell u tqis illi skont r-Regolament 16 tal-Liġi Ssusidjara 552.22 il-fond minimu eliġibbli tax-xaftijiet huwa ta' 3.00 metri. Issostni illi l-Uffiċċju tas-Sanita' approva lproposta numru ta' drabi u għaldaqstant din il-kwistjoni mhux fis-sewwa.

Illi waqt it-trattazzjoni finali l-appellanti jagħmlu referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Appell Nru. 75/22) fl-ismijiet "**Charles Falzon vs. l-Awtorita' tal-Ippjanar**" deċiża nhar l-15 ta' Marzu 2023.

Illi dan it-Tribunal ħa konjizzjoni tal-inkartament tal-applikazzjoni mertu ta' dan l-appell u tas-sottomissjonijiet li saru mill-Partijiet;

Ikkunsidra:
Illi fl-ewwel lok, dan it-Tribunal jinnota li, l-Artikolu 80 tal-Kap. 552 ikkwotat mill-appellanti jirregola talbiet għar-revoka ta'permess tal-iżvilupp fejn huwa l-Bord tal-Ippjanar li huwa fdat li jiddeċiedi dwar każijiet fejn l-Artikolu 80 qed jiġi invokat, liema Artikolu jiddisponi ssegwenti:
*80. (1) Il-Bord tal-Ippjanar jista' biss –*
*(a)fil-każijiet ta' frodi; jew*
*(b)meta jkun hemm is-sottomissjoni ta' xi informazzjoni,dikjarazzjoni jew pjanta li hijainkorretta jewli matirriflettix is-sitwazzjoni fuq is-sit; jew*
*(ċ)fejn hemm żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument; jew*
*(d)fejn is-sigurtà pubblika hija konċernata,*
*b'deċiżjoni jirrevoka jew jibdel kull permess għall-iżvilupp mogħti taħt dan l-Att, inkluża kull awtorizzazzjonimaħruġa mill-Bord tal-Ippjanar skont xi Ordni, filwaqt li fiddeċiżjoni jagħti r-raġunijiet tiegħu u jrid jindikab'mod ċar il-bażi legali tarrevoka għal dik id-deċiżjoni;*

Illi t-Tribunal jiċċara li, kif rilevat mill-Awtorita' fis-sottomissjoni tagħha, l-provvediment talArtikolu 80 huwa stabbilit mill-Kap. 552 u għaldaqstant it-Tribunal m'għandu l-ebda ġurisdizzjoni stante illi l-istess Tribunal ġie stabbilit bil-Kap 551. It-Tribunal jagħmel referenza għall-Artikolu 11(3) tal-Kap. 551 li jikkontempla r-raġunijiet li fuqhom jista' jigi ppreżentat appell hekk kif ġej:
*"Appell lit-Tribunal jista' jiġi ppreżentat fuq kwalunkwe raġuni inkluż:*
*(a)li sar żball materjali dwar il-fatti;*
*(b)li kien hemm żball proċedurali materjali;*
*(ċ)li sar żball ta' liġi"*

Illi għalhekk l-appell jista' jiġi mressaq quddiem dan it-Tribunal f'każ li jkunu saru żbalji kemm dwar il-fatti, kif ukoll proċedurali jew żball ta' liġi, u għalhekk it-Tribunal iqis li dak li qed jiġi inferit mill-appellanti permezz tal-aggravju tiegħu huwa allegazzjoni komparabbli ma' tali sitwazzjonijiet regolati bl-Artikolu 11(3) surreferit, u b'hekk stante li ma saret l-ebda talba għar-revoka quddiem il-Bord tal-Ippjanar, skont dak li jitlob l-Artikolu 80 tal-Kap. 552, dan it-Tribunal għandu jkompli jqis dan l-appell fuq il-mertu tiegħu.

L-Ewwel Aggravju:
Illi permezz tal-aggravji imsemmija supra l-appellanti ijsostnu illi fl-applikazzjoni odjerna saru diversi misrappreżentazzjonijiet bl-iskop illi jiżgwidaw lill-Kummissjoni. Dawn ilmisrapprezentazzjonijiet jinkludi s-segwenti:

i.L-għoli totali tal-bini eżistenti huwa elenkat bhala 8.60 metri mentri fil-verita' l-għolieżistenti huwa dak ta' 9.11 metri;

ii.L-għoli tal-propjetajiet adjaċenti (fuq il-lemin u xellug) huma impenġija b'mod skorrett. Inoltre l-appellanti jisħqu illi l-għoli bejn l-livell tat-triq u l-*underside* tal-livell sotterran mhux differenti mill-pjanti approvati tal-RG01625/18;

iii.L-għoli mill-livell tat-triq bejn il-pjanti tal-permess tar-regolarizzazzjoni u l-pemess PA11180/18 huma kompletament differenti;

iv.L-għoli tal-bini adjaċenti huwa indikat oghla fuq il-pjanti meta mqabbel mas-sit tal-applikant. L-appellanti jżidu jgħidu illi l-opramorta hija fl-istess livell tas-saqaf tat-tieni livell mentri fir-ritratti wieħed jista jara illi l-opramorta hija wisq aktar baxxa;

v.Illi minkejja illi l-applikant indika illi ser jinbena ħajt mal-*lift* fuq il-propjeta' tiegħu sabiex jiġi eskluż kull inkonvenjent lil terzi, din id-dikjarazzjoni ma kienetx riflessa fil-pjanti sottomessi.

Fl-ewwel lok it-Tribunal jinnota illi l-appellanti qed jagħmlu referenza għal permess ta' regolarizazzjoni u jisħqu illi hemm diskrepanza bejn l-pjanti approvati fil-permess RG01625/18 u dak approvat PA11180/18. It-Tribunal jinnota illi l-pjanti tal-permess ta' regolarizzazzjoni ġew emendati u oltre dan, anke l-pjanti tal-permess PA11180/18 ukoll ġew emendati tramite applikazzjonijiet ta' *minor amendment*. Għaldaqstant it-Tribunal sejjer jelenka l-modifikazzjonijiet tal-pjanti illi saru b'rabta mal-appell odjern sabiex jittieħed kollox fil-kuntest.

-L-applikazzjoni RG01625/18 ġiet approvata nhar l-4 ta' Dicembru 2020;

-L-applikazzjoni PA11180/18 ġiet approvata nhar id-9 ta' Marzu 2021 u ppublikat nhar is-17 ta' Marzu 2021;

-L-appell odjern ġie ntavolat nhar l-13 ta' April 2021 ;

-It-talba ta' *Minor Amendment* fuq l-permess PA11180/18 ġiet approvata nhar id-29 ta' Novembru 2021;

-It-talba għal modifikazzjoni tal-RG01625/18 giet milqugha nhar l-14 ta' Diċembru 2022;

-It-talba ta' *Minor Amendment* fuq il-permess PA11180/18 ġiet approvata nhar l-4 ta' Marzu 2023.

Illi b'rabta ma' dak succitat, minn analiżi tal-aħħar pjanti [Dokument a fol 329A-329C fl-inkartament PA11180/18] (tal-*minor amendment*) approvati tal-permess PA11180/18, it-Tribunal jinnota illi l-pjanti tal-faċċata vis-a-vis l-għoli tal-faċċata eżistenti huma korretti. Dak illi nnota l-appellant, b'rabta mad-diskrepanza fl-għoli bejn lapplikazzjoni tar-regolarizzazzjoni u dak tal-applikazzjoni odjerna, din id-diskrepanza ġiet rettifikata permezz ta' talba ghal-modifikazzjoni tal-RG01625/18 illi giet milqugha nhar l-14 ta' Dicembru 2022. Illi b'rabta ma' dan, l-għoli tal-faċċata eżistenti ġie mkejjel u kkonfermat illi jaqbel mal-pjanti approvati mill-Uffiċjal tal-Infurzar fl-inspezzjoni illi saret fuq is-sit hekk kif ġie mitlub mit-Tribunal u li dan jikkorrispondi għal għoli ta' 9.01 metri.
Nonostante dan, l-għoli tal-bini adjaċenti ma jaqbilx ma' dak illi jeżisti fis-sit, meta wieħed iħares lejn ir-ritratti [Dokument a fol 10E-10F fl-inkartament PA11180/18] sottomessi jidher ċar illi preżentament l-għoli tal-faċċati fl-istreetscape huwa wieħed simili. Madankollu fl-

*istreetscape* [Dokument a fol 187B fl-inkartament PA11180/18] approvata jidher illi l-għoli tal-faċċati adjaċenti huma ogħla minn dawk eżistenti meta kkumparati mal-għoli propost permezz talapplikazzjoni odjerna. It-Tribunal ħa konjizzjoni tal-pjanta [Dokument a fol 305A fl-inkartament PA11180/18] sottomessa fil-mori tal-appell misSur Joseph Zammit fl-affidavit tiegħu fejn dan jaċċerta illi l-għoli tal-bini adjaċenti tal*istreetscape* huwa skorrett u għaldaqstant dak illi ntqal mill-appellanti huwa fis-sewwa. Hawnhekk it-Tribunal jagħmel referenza għall-argument tal-Awtorita' fejn sostniet illi lpermess jitratta minn dak li qed jigi propost fis-sit odjern u xejn lil hinn min dawn il-konfini. Għalkemm l-applikazzjoni titratta mis-sit suġġett ghall-applikazzjoni, madankollu isiru kunsiderazzjonijiet kontestwali. Tant hu hekk illi kienet l-Awtorita' stess illi talbet l*istreetscape*, madankollu hekk kif l-*istreetscape* approvata hija skorretta stante illi qed tippreżenta għolijiet adjaċenti skorretti dan għandu jiġi emendat sabiex jirrifletti dak illi jeżisti fl-*istreetscape*. Hawnhekk it-Tribunal jirrimarka illi għalkemm l-għoli tal-bini adjaċenti fl-istreetscape elevation huwa skorrett u ma jirriflettix dak li jeżisti fil-preżent, ilKummissjoni kellha aċċess għar-ritratti, imsemmija supra, u għaldaqstant xorta setgħat tikkunsidra l-applikazzjoni fil-kuntest. Illi b'zieda ma' dan, it-Tribunal jinnota illi fl-aħħar pjanti sottomessi fil-*minor amendment* approvat f'Marzu tal-2023 l-*istreetscape elevation* giet sostitwita u fil-pjanti approvati hemm biss l-faċċata tal-proposta, għaldaqstant itTribunal iqis illi ma hemmx bżonn għal emenda ulterjuri tal-pjanti.

L-appellanti irrimarkaw illi l-applikant kien indika illi ser ikun qed jinbena ħajt addizzjonali mal-ħajt tal-appoġġ fejn qed jiġi propost il-*lift*. Madankollu jisħqu illi dan il-ħajt mhux rifless fil-pjanti. L-applikant bhala risposta jisħaq illi d-dettall imsemmi mill-appellanti b'rabta mal*lift* ġie inkluż fil-*Minor Amendment*. It-Tribunal hawnhekk jinnota illi fil-pjanti tal-*minor amendment*, approvata f'Novembru 2021 l-applikant kien żied din in-nota fuq il-pjanti "*Wall to be constructed entirely on applicants site on all storeys to omit any nuisances to third parties*". Madankollu meta f'Marzu tal-2023 ġiet sottomessa applikazzjoni ghal minor amendment ohra din in-nota ġiet eskluża. It-Tribunal jinsab perpless kif l-applikant ddikjara illi l-ħajt ser jiġi mibni fis-sit tiegħu sabiex l-*lift* ma jkunx ta' inkonvenjent għat-terzi pero ma' dan l-istess ħajt ma jidhirx fil-pjanti. It-Tribunal jissotolinea illi ġeneralment f'applikazzjonijiet simili fejn ikun qed jiġi propost żvilupp ta' *lift* mal-ħajt tal-appoġġ ta' terzi, l-Awtorita' titlob għal rapport tal-inġinier b'rabta speċifika mal-*lift* u li dan jiġi approvat bħal dokument supplimentari.

Għal dawn il-mottivi dan it-Tribunal qed jilqa` limitatament dan l-aggravju u jordna illi jsiru emendi tal-pjanti tal-faccata partikolarment tal-istreetscape sabiex jirriflettu dak illi hemm eżistenti. In oltre, it-Tribunal jordna ukoll illi jsir rapport tal-inginier b'rabta ma' *noise u vibration* illi ser ikun qiegħed b'rabta mal-*lift* propost u jiġi kkonfermat jekk l-*lift* propost hekk kif rappreżentat fil-pjanti huwx ser ikun ta' inkonvenjent għat-terzi. Jekk dan huwa lkaż, it-Tribunal jordna illi tinstab soluzzjoni sabiex jiġu mitigati l-hsejjes u l-vibrazzjonijiet tal-*lift* fuq il-fond adjaċenti.

It-Tieni Aggravju:

Illi permezz tat-tieni aggravju, l-appellanti jisħqu illi r-rampa ma kienetx parti mill-permess tar-regolarizzazzjoni madankollu fl-applikazzjoni odjerna din ir-rampa mhux qed tiġi sanzjonata. In oltre izzid jghid li ma kienx hemm aderenza għall-kundizzjonijiet imposti bilpermess tar-regolarizzazzjoni RG1625/18, partikularment mal-kundizzjoni (J).

It-Tribunal josserva li l-permess ta' regolarizzazzjoni RG01625/18 ġie pproċessat *ai termini* tal-provvedimenti ta' Liġi Sussidjarja 552.26 li jirrigwarda regolarizazzjoni ta' żvilupp eżistenti. It-Tribunal jagħmel referenza għall-argument tal-appellanti fejn allegaw illi kien hemm xi bżonn ta' sanzjonar tar-rampa stante illi r-rampa ma kinitx parti mill-applikazzjoni ta' regolarizzazzjoni. It-Tribunal fl-ewwel lok jinnota u jikkonferma illi l-garaxx u l-aċċess għal garaxx ma kienx parti mill-applikazzjoni ta' regolarizzazjoni. Tant hu hekk illi kif kwotaw fis-sewwa l-appellanti fir-rikors promotur il-Bord tar-Regolizzazzjoni kien talab lil perit tal-applikazzjoni sabiex jindika illi r-rampa "*shaded*" illi turi li mhux parti millapplikazzjoni. It-Tribunal hawnhekk jissotolineja illi l-fond tal-garaxx fil-livell sotterran huwa ukoll *shaded* u indikat li "*not forming part of this application.*" Nonostante dan, it-Tribunal jikkunsidra ukoll illi filwaqt illi l-appellanti qed jargument illi hemm bżonn ta' sanzjonar tarrampa, fin-nota ta'

sottomissjonijiet finali jisħaq ukoll illi l-livell sotterran ma ġiex mibni skont il-pjanti approvati madankollu dan ma ġie sostanzjat bl-ebda evidenza korroborattiva.

Hawnhekk it-Tribunal jagħmel referenza għall-kundizzjoni (J) fil-permess ta' regolarizzazzjoni RG01625/18 li tistipula hekk kif ġej:
*If the development hereby approved is modified (i.e. altered, extended, removed or redeveloped), the eventual development on site must conform to all the plans, policies and regulations applicable at that time."*

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet finali l-appellanti sostnew illi a bażi tal-kundizzjoni imsemmija supra, peress li qed issir *redevelopmen*t, l-istess *redevelopment* għandu jkun konformi mal-pjanijiet, policies u regolamenti vigenti. It-Tribunal iqis illi l-appellanti jsostnu illi l-applikant għandu diversi rregolarijiet li sejrin jiġu integrati fl-iżvilupp propost madakollu ma jelenka l-ebda rregolarita' fl-istess binja għajr għar-rampa. Fl-ewwel lok itTribunal jirrimarka illi hekk kif il-garaxx u lanqas ir-rampa ma kienu parti mill-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet imposta bil-permess tar-regolarizzazzjoni mhux applikabbli. In oltre, minn analiżi tal-pjanti [Dokument a fol 329A fl-inkartament PA11180/18] sottomessi huwa ċar illi din r-rampa hija konformi mal-provvedimenti talistandard S6 tal-Linji Gwida u li din għandha *gradient* 1:5.
Fl-isfond ta' dan kollu it-Tribunal qed jiċħad it-tieni aggravju.

It-Tielet Aggravju:
Illi permezz tat-tielet aggravju, l-appellanti jirrimarkaw illi s-saqaf tal-garaxx jinsab ogħla minn tlett filati mill-livell tal-bankina, u stante illi *semi-basements* mhux permessibli f'din iżżona, dan il-livell għandu jiġi immarkat bħala livell terran. Il-Kummissjoni għaldaqstant naqset milli tieħu kunsiderazzjoni tat-talba illi ġiet imqajjma mill-istess appellant.
Fl-ewwel lok it-Tribunal jirrimarka illi l-livell sotterran huwa livell ezistenti u mhux qed issir proposta għall-iżvilupp ta' semi-basement. It-Tribunal minn analiżi tal-i*streetscape* mirritratti sottomessi jidher ċar kemm illi kemm il-bini fuq fuq s-sit odjern kif ukoll is-sit adjacenti, appartenenti ta' wiehed milll-appellanti, huma elevati daqsxejn il-fuq mill-livell tal-bankina u dan peress li għandhom garaxx illi parti minni jinsab l-fuq il-livell tat-triq.

In oltre, hawnhekk it-Tribunal jagħmel referenza għal Figura 2 tal-Linji Gwida DC15 fejn tingħata d-definizzjoni permezz ta' *sketch* ta' *Type 1, 2* u *3 Basements*. Il-kriterju jinsab bilkejl mill-ogħla livell tal-bankina sal-qiegħ tas-saqaf (*underside of slab*). Type 1, huwa meta ssular ikun kollu taħt il-livell tat-bankina, *Type2* huwa meta s-sular ikun sa massimu ta' 0.90 metri l-fuq mil-bankina filwaqt li *Type3* huwa meta s-sular ikun sa massimu ta' 2.60 metri lfuq mill-bankina. Fl-istess figura, l-Linji Gwida DC15 hemm elenkat illi fi żvilupp eżistenti sulari illi jinsabu sa massimu ta' 0.60 metri l-isfel mill-livell tal-bankina jistgħu jitqiesu bħala livell terran. Hawnhekk it-Tribunal jirrimarka illi l-livell sotterran ma jistax jitqies bħala livell terran stante illi jinsab fl-livell aktar baxx minn 0.60 metri kif tesiġi l-Figura2, li jlaħħaq ċirka 1.83 metri mill-livell tal-bankina. Oltre dan, it-Tribunal jinnota illi l-livell sotterran huwa tat-tip *Type3* stante illi d-distanza mill-livell tal-bankina sal-*underside of slab* huwa dak ta' ċirka 1.38 metri.
Hawnhekk it-Tribunal jagħmel referenza għal *policy* P38 illi titratta mid-disinn u l-użu tal-*basements* fejn l-*policy* tesiġi illi:
*Type 1 basements as defined and illustrated in the Glossary (Figure 2) will be allowed in all development scenarios.* ***Type 2 and Type 3 basements will only be allowed when there are existing commitments for such basements within the perimeter block (as delineated in Figure 18(a))****. If such commitments do not exist, only Type 2 basements may be allowed.* [enfazi mizjuda]

Illi in vista tas-suespost, it-Tribunal iqis illi hekk kif il-perimter block hemm xi propjetajiet, inkluz wahda illi tinsab adjacenti ghas-sit odjern, b'basement tat-Type 3, dak odjern huwa accettabli skont il-prevvedimenti tal-*policy* P38.
Għal dawn il-mottivi t-Tribunal qed jiċħad it-tielet aggravju.

Ir-Raba` Aggravju:
Illi permezz tar-raba aggravju l-appellanti jsostnu ukoll illi l-kamra tas-sodda proposta fittieni livell hija fi ksur tal-provvedimenti tal-liġijiet sanitarji stante illi l-fond tal-bitħa huwa inqas minn 3.05 metri.
Illi b'rabta ma` dak maghdud supra, it-Tribunal jagħmel referenza għar-Regolament 16 talLiġi Ssusidjara 552.22 fejn tispeċifika illi l-inqas fond tal-bitħa interna hija dik ta' 3.00 metri u mhux 3.05 metri kif allegat. Illi oltre, dan u b'referenza għar-risposta tal-Awtoria', itTribunal jirrimarka illi l-bitħa fit-tieni sular fil-fatt jikkorrispondi għal 3.00 metri u għaldaqstant in linea mal-provvedimenti tal-ligi.
Għal dawn il-motivi t-Tribunal iqis illi dan l-aggravju mhux fis-sewwa.

Il-Ħames, is-Sitt, is-Seba' u t-Tmien Aggravji:
Illi permezz tal-aggravji imsemmija supra, l-appellanti jagħmlu aċċenn għal ksur tal*guidance* G1, G3, G16, G23 u l-*policy* 4.6 tal-Linji Gwida DC15 b'referenza għal fatt illi żżona quddiem is-sit odjern hija mmarkata għal *Environmental Improvements GZ-TRAN-4* u *Urban Spaces GZ-URSP-1*.
It-Tribunal jagħmel referenza għall-*policy* GZ-URSP-1 - *Urban Open Spaces* (skont ilmappa14.6-A), imsemmija fit-tmien aggravju, li titratta minn kif spazji urbani pubbliċi għandhom iżommu l-karattru miftuħ mingħajr ma jkun imfixkel mill-iżvilupp. Madnakollu tTribunal ma jsib l-ebda ksur ta' din il-*policy* hekk kif l-pjan lokali stess kien ħaseb għal sulari addizjonali f'din iż-żona u ghaldaqstant dan l-iżvilupp mhux ser ikun qiegħed itellef l-ispazju pubbliku. Illi b'rabta ma' dan, l-appellanti jisħqu illi dan l-iżvilupp ma joffri l-ebda transizzjoni bejn dak illi huwa propost u l-kumplament tal-bini eżistenti. It-Tribunal jirrimarka illi fuq wara tas-sit, l-Pjan Lokali ħaseb għal transizzjoni stante illi s-siti fuq wara huma limitati għal żewġ sulari u għaldaqstant dan minnu nnifsu ser ikun qiegħed joħloq transizzjoni f'dan il-kaz maz-zona ta' barra mill-iskema ta' zvillupp. Min-naħa l-oħra hekk kif is-sit odjern u l-bini adjaċenti permezz tal-provvedimenti tal-Pjan Lokali huwa permess illi iżżid sulari addizzjonali għaldaqstant ma hemmx bżonn ta' transizzjoni addizzjonali u għaldaqstant mhux fi ksur tal-linji gwida G3 fi ħdan il-Linji Gwida DC15.
Illi min-naha l-oħra fir-rigward tal-*policy* GZ-TRAN-4 - *Environmental Improvement and Traffic Management in Town and Village Cores* (skont il-Mappa 14.6-B) it-Tribunal iqis illi dan mhux applikabbli stante illi din il-*policy* hija marbuta ma' skemi illi jinkoraġixxu skemi għal titjieb ambjentali u immaniġjar tat-traffiku ġewwa u mad-dawra taċ-ċentri abitati.

Illi b'rabta ma' dan, it-Tribunal jagħmel referenza għall-ħames aggravju li d-disinn propost huwa mingħajr proporzjon u ma taqgħax fil-prevelanza għar-ritmu tal-*istreetscape* u dana stante illi l-għoli prevalenti tal-faċċata huwa ta' żewġ sulari u għaldaqstant ma tintegrax mal-bini eżistenti u dana fi ksur tal-*policy* G16 tal-Linji Gwida DC15. Illi t-Tribunal ha konjizzjoni illi is-sit odjern jaghmel parti mill-Pjan Lokali ta' Għawdex u Kemmuna u jaqa' ġewwa zona residenzjali fil-lokalita' tal-Munxar, skont il-Mappa 14.6-A tal-Pjan Lokali, u ghaldaqstant tapplika l-*policy* GZ-HOUS1. L-għoli massimu f'din iż-żona, skont il-Mappa 14.6-C, huwa ta' *three floors, three courses* u li dan huwa interpretat permezz tal-Anness 2 tal-Linji Gwida DC 15 ghal gholi massimu ta' 16.30 metri u għoli tal-faċċata ta' 14.10 metri. Illi b'rabta ma' dak suċitat, it-Tribunal iqis illi l-għoli propost huwa inqas minn dak accettabbli bil-provvedimenti tal-Pjan Lokali u l-Anness 2 tal-Linji Gwida DC15 stante illi lgħoli propost huwa 12.16 metri għoli tal-faċċata u 15.23 metri għoli massimu. Hawnhekk itTribunal jagħmel referenza ghas-sottomissjoni finali fejn l-appellanti jagħmlu referenza għal kif l-Kummissjoni kellha tikkunsidra l-applikazzjoni tramite l-*policy* P1. It-Tribunal ħa konjizzjoni tal-*policy* P1 li tesigi illi:
*The extent of commitments that is to be taken into account when analysing an existing context will include:*
*1.existing legal developments that are physically present on site;*
*2.valid planning commitments even if such commitments are as yet unbuilt; and*

***3.any future commitments provided for by the Local Plans, even if thecommitments are as yet unbuilt.***

Illi hekk kif ż-żona illi jinsab fiha s-sit odjern u l-bini adjaċenti, anke jekk dawn mhux l-ħsieb tagħhom illi jiżviluppaw, huwa permissibli illi ikun hemm sulari addizzjonali dawn ukoll kellhom jiġu kkunsidrati bħala *commitments* futuri permezz tal-provvediment tal-*policy* P1. Għalhekk għalkemm preżentament l-għoli prevalenti għall-binji adjaċenti huwa ta' żewġ sulari dan ma jfissirx illi dan ser jibqa l-każ. It-Tribunal ħa konjizzjoni ukoll tas-sentenza talQorti tal-Appell fl-ismijiet "**Raymond Sammut vs l-Awtorita' tal-Ippjanar**" (Appell Nru. 16/2020) deċiż fl-20 ta' Jannar 2021. Il-Qorti kienet irrimarkat illi "*l-appellant ma jistghax jipprezumi illi la darba hu aderixxa mal-pjan lokali dwar l-gholi permissibli fiz-zona, b'daqsekk ghandu dritt awtomatiku ghall-approvazzjoni tal-izvilupp*". Nonostante dan largument, it-Tribunal jinnota illi dan is-sit illi jinsab fil-*Housing Scheme* jinsab f'kuntest illi huwa differenti għal dak odjern u kif qalet fis-sewwa l-Awtorita' huwa regolat minn *constraint*. Għaldaqstant t-Tribunal iqis illi dan mhux każ komparabbli għal dak odjern. ItTribunal jirrimarka ukoll illi fl-istess *streetscape* imsemmija ma hemmx xi ritmu partikolari bejn s-siti, madankollu l-proposta odjerna ser tkun qed timxi fuq id-disinn tal-faċċata sottostanti u għaldaqstant it-Tribunal fil-fhiema kkunsidrata tiegħu iqis illi ma hemm l-ebda ksur tal-linji gwida G16 u G23 tal-Linji Gwida DC15. Hawnhekk it-Tribunal jagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti fl-ismijiet "**Charles Falzon vs l-Awtorita' tal-Ippjanar**" imsemmija mill-appellanti waqt t-trattazzjoni u jqis illi fl-ewwel lok l-appellanti stess ma jagħtu l-ebda indikazzjoni ta' kif dan il-każ huwa relevanti għal dak odjern. F'kull kazitTribunal jirreferi ghal dak indkat supra rigward il-l-gholi u d-sisinn tal-proposta.
Għal dawn il-mottivi dan it-Tribunal qed jiċħad l-ħames, is-sitt, is-seba u t-tmien aggravji.

Decide
Fl-isfond ta' dan kollu, u wara li t-Tribunal ħa konjizzjoni tal-fatti speċi kollha tal-appell qed jilqa limitatament dan l-appell u jordna lil applikant sabiex fi zmien tletin (30) ġurnata min din id-deċiżjoni jissottometti kopja tal-*Lift Report (Noise and Vibration)* sabiex jindirizza linkonvenjent li jista jinħoloq lit-terzi liema rapport jkun jifforma parti mill-permess billi tiżdied l-kundizzjoni segwenti mall-kundizzjoni numru 3 fin-notifika tal-permess data 6 ta' Marzu 2021:
*(ii) certification from a qualified engineer confirming that the development fully satisfies therequirements specified in supporting document PA/11180/18/ [referenza tar-rapport tal-inginier rigwardanti l-lift].*

## Ikkunsidrat

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. Ghalkemm it-Tribunal laqa' limitatament l-ewwel aggravju naqas li jipprovdi rimedju effettiv. Jghidu li l-istreetscape elevation kienet skorretta u l-istess Tribunal ikkonferma dan pero kull ma ordna hu li l-applikant jipprovdi streetscape elevation gdid u billi qies li l-Kummissjoni kellha access ghar-ritratti xorta seta' jikkonsidra l-applikazzjoni fil-kuntest taghha. Ir-ritratti juru biss il-bini ezistenti bla qisien u bla sovraimpozizzjoni tal-izvilupp propost mill-front elevation. Jghidu wkoll li dan hu kaz ta' informazzjoni falza li tammonta ghal revoka skont l-artikolu 80 tal-Kap. 552;

2. L-izvilupp jikkonsisti fil-bini ta' zewg sulari addizjonali fuq it-tnejn gia ezistenti bir-rizultat li l-fond tal-applikant ser ikun zewg sulari oghla mid-djar tal-blokk kollu. Dan

ser ikun l-ewwel zvilupp b'dan l-gholi u ma jaghtix lok ghal ebda transizzjoni mal-bini li jmiss mieghu u dak li qieghed fil-qrib. Il-faccata wkoll hi sproporzjonata u ma tkomplix mar-ritmu prevalenti tal-faccati l-ohra. Ser jinholqu zewg blank walls li ser jibqghu vizibbli ghal snin billi z-zewg girien appellanti ma ghandhomx hsieb ighollu l-bini taghhom. B'zieda ma' dan, din hi l-ewwel binja li tidher int u diehel fir-rahal. It-Tribunal interpreta hazin il-policy P1 tad-DC2015 billi qies biss it-tielet rekwizit cioe jekk l-izvilupp hux permissibli skont il-pjan lokali minghajr ma ikkonsidra z-zewg rekwiziti l-ohra li huma kumulattivi cioe zviluppi ezistenti gia prezenti fuq is-sit u 'valid planning commitments' avolja ghad mhux mibnija.

**L-ewwel aggravju**

Jibda biex jinghad li r-referenza ghall-artikolu 80 tal-Kap. 552 mhux relevanti ghal fini ta' dan l-appell li hu wiehed mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fuq il-mertu tal-applikazzjoni ta' zvilupp. Talba skont l-artikolu 80 tal-Kap. 552 issir quddiem l-Awtorita mhux quddiem it-Tribunal u t-Tribunal skont l-artikolu 11(3) tal-Kap. 551 ma ghandhux vires jiddeciedi hu talba in primis ghal revoka ta' permess.

In kwantu ghal kwistjoni tal-pjanti t-Tribunal spjega b'mod car illi bil-minor amendment ghall-izvilupp propost l-gholi tal-faccata ezistenti jaqbel mal-pjanti esebiti u jikkorispondi ghal gholi ta' 9.01 metru. Pero hu ikkonferma l-aggravju tal-appellanti illi l-gholi tal-bini adjacenti ghal fini tal-istreetscape hu skorrett u ghalkemm il-pjanti approvati juru biss l-izvilupp, xorta qies li dan ma kienx bizzejjed ghax kellu jigi indikat u jittiehed kont tal-kuntest. L-istreetscape approvata fuq talba tal-Awtorita hi skorretta u dan ikkostatah it-Tribunal. Pero mbaghad wasal ghal konkluzjoni li l-istreetscape seta' jigi kostatat mir-ritratti li rat il-Kummissjoni u kull ma kien jehtieg hu kondizzjoni mal-permess li jsiru pjanti emendati tal-faccata partikolarment tal-istreetscape biex jirrifletti dak ezistenti. Kien hawnhekk li t-Tribunal zbalja legalment. Jekk kien hemm aggravju li l-pjanti mhux korretti u l-kuntest tal-istreetscape ma kienx qed jigi rispekkjat fil-pjanti, ma kellux japprova l-permess izda semmai jitlob kif ghandu setgha bl-artikolu 31 tal-Kap. 551 li jigu emendati l-pjanti u wara li jkun ta l-opportunita lill-appellanti jikkontrollaw din il-prova, li jisma sottomissjonijiet bil-pjanti riveduti u jasal ghal konkluzjoni tieghu fuq l-aggravju specifiku li sar. Bil-mod kif

iddecieda, nehha t-tapit minn taht saqajn l-appellanti. Ghalhekk l-aggravju qed jigi milqugh f'dan is-sens bla ebda pregudizzju ghal ebda parti dwar il-kunsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet li jistghu jintlahqu sussegwentement.

**It-tieni aggravju**

Hafna minn dan l-aggravju hu apprezzament ta' fatturi teknici li la darba t-Tribunal ikun ikkonsidrahom u iddecieda dwarhom din il-Qorti ma tintromettix ruhha. Pero jidher li t-Tribunal ghamel enfasi fl-apprezzament tieghu fuq il-policy P1 li titkellem dwar evalwazzjoni tal-kejl ta' commitments biex jinstilet 'kuntest ezistenti. F'dan il-kaz il-policy P1 telenka tlett fatturi li kif qalu sew l-appellanti kellhom jittiehdu kollha f'keffa wahda biex tittiehed decizjoni infurmata fuq il-'kuntest'. Jidher pero li t-Tribunal iffoka biss fuq wahda cioe 'future commitments provided for by the local plans even if unbuilt' metri flimkien ma' dan l-element kellu jittiehed kont ta' 'existing legal developments physically present' u 'valid planning commitments even if yet unbuilt' biex kunsidrati flimkien jitqies jekk il-'kuntest' kienx qed jigi rispettat bl-izvilupp propost. Dan l-ezercizzju ma jidhirx li sar mit-Tribunal u ghalhekk l-aggravju ghandu jigi milqugh fil-limitu deciz. Ghalkemm l-appellat Mercieca jsostni li dan ma kienx aggravju tal-appell pero l-kwistjoni fuq din il-policy tqajmet fil-proceduri quddiem it-Tribunal u saru sottomissjonijiet dwarha u t-Tribunal indirizzaha fid-decizjoni. Ghalhekk ma jistax jitqies li din kienet kwistjoni li qatt ma tqajjmet u gie kunsidrata.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-appellanti fil-limiti deciz, tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-7 ta' Novembru 2023, u tibghat l-atti lura lit-Tribunal biex jerga' jqis l-appell mill-gdid skont dak deciz. Spejjez ghall-appellati in solidum.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur